# DIKJARAZZJONI KONĠUNTA

## Dikjarazzjoni Konġunta dwar l-Artikolu 75

Il-Partijiet jaqblu li għall-fini ta' dan il-Ftehim, il-proprjetà intellettwali u industrijali tinkludi, b'mod partikolari, id-drittijiet ta' l-awtur, inklużi d-dritt ta' l-awtur tal-programmi tal-kompjuter u assoċjati, id-drittijiet relatati ma' banek tad-data, ma' privattivi, inklużi ċertifikati ta' protezzjoni supplementari, ma' disinji industrijali, ma' *trademarks* u ma' marki ta' servizz, ma' topografiji ta' ċirkwiti integrati, ma' indikazzjonijiet ġeografiċi, inklużi denominazzjonijiet ta' l-oriġini, u ma' drittijiet ta' varjetà ta' pjanti.

Il-protezzjoni ta' drittijiet ta' proprjetà kummerċjali tinkludi, b'mod partikolari, il-protezzjoni kontra l-kompetizzjoni inġusta kif imsemmija fl-Artikolu 10a tal-Konvenzjoni ta' Pariġi għall-Proprjetà Industrijali u l-protezzjoni ta' informazzjoni li għadha ma ġietx żvelata kif imsemmija fl-Artikolu 30 tal-Ftehim dwar Aspetti ta' Kummerċ ta' Drittijiet ta' Proprjetà Intelletwali (il-Ftehim TRIPS).

Barra minn dan, il-Partijiet jaqblu li l-livell ta' protezzjoni msemmija fl-Artikolu 75(3) ta' dan il-Ftehim għandu jinkludi d-disponibbiltà tal-miżuri, proċeduri u rimedji previsti fid-Direttiva 2004/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 fuq l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali[1].

---

1 ĠU L 157, 30.4.2004, p. 45. Verżjoni korretta fil-ĠU L 195, 2.6.2004, p. 16.

Dikjarazzjoni mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha

Fid-dawl tal-miżuri kummerċjali eċċezzjonali li ġew konċessi mill-Komunità lil pajjiżi li qed jipparteċipaw jew li huma marbuta mal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-UE, inkluż il-Montenegro, fuq il-bażi tar-Regolament (KE) Nru. 2007/2000, il-Komunità u l-Istati Membri tagħha jiddikjaraw:

li, fl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 35 ta' dan il-Ftehim, għandhom japplikaw dawk minn fost il-miżuri ta' kummerċ unilaterali u awtonomi li huma aktar favorevoli flimkien mal-konċessjonijiet ta' kummerċ kuntrattwali offerti mill-Komunità f'dan il-Ftehim sakemm japplika r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru. 2007/2000 tat-18 ta' Settembru 2000 li jintroduċi ċerti miżuri kummerċjali ta'eċċezzjoni għal pajjiżi u territorji li jipparteċipaw fi, jew li huma marbutin mal-proċess ta' Stabilizzazzjoni u Assoċjazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea[2];

li, b'mod partikolari, għall-prodotti li huma koperti mill-Kapitoli 7 u 8 tan-Nomenklatura Magħquda, li għalihom it-Tariffa Doganali Komuni tipprovdi għall-applikazzjoni ta' dazji doganali *ad valorem* u dazju doganali speċifiku, it-tnaqqis għandu japplika wkoll għad-dazju doganali speċifiku b'deroga mid-dispożizzjoni rilevanti ta' l-Artikolu 26(2).

---

2 ĠU L 240, 23.9.2000, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/2007 (ĠU L 125, 15.5.2007, p. 1).